**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 65

L-Erbgħa, t-13 ta' Jannar, 2016

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Tas-Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Prezenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Skużat |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Skużat |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Skuzat |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Prezenti |
| Sindku Tal-Pietà | Keith Tanti | Skużat |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Prezenti |
| Sindku Ħal Balzan | Dr. Ian Spiteri | Skużat |
| Sindku San Giljan | Karl Gouder | Prezenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 64 li saret nhar l-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2015, ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dali, u sekondat mis-Sindku ta' San Giljan, is-Sur Karl Gouder.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

### 2.1 LESA

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, irrimarka fuq dak li ntqal fil-laqgħa preċedenti mas-Sur Sandro Muscat fuq il-Gwardjani Lokali pajżana li ma jkunux jistgħu jagħtu ċitazzjonijiet. Is-Sur Radmilli ssuġġerixxa li dan ir-Reġjun għandu jikteb lill-Avukat Ġenerali sabiex inkunu nafu jekk Gwardjan pajżan jistax joħroġ multa fuq ċitazjoni ambjentali.

Is-Sindku ta' Ħ'Attard irrimarka li domandi bħal dawn għandhom jitressqu mill-AKL u l-AKL għandha ssaqsi fuq din l-aġenzija li ħadd għadu ma jaf xejn fuqha.

Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, staqsiet dwar il-kuntratti li saru mil-LESA, fosthom il-kuntratt mal-*Guard and Warden Service House Ltd.*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li l-Agenzija, LESA, ħadet f'idejha l-kuntratti li kien hemm mar-Reġjuni.

***17:53pm: Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, waslet għal din il-laqgħa.***

Il-President, is-Sur Michael Fench Adami, issuġġerixxa li dan ir-Reġjun għandu joħroġ stqarrija li dan ir-Reġjun mhux qed jiġi kkonsultat.

***18:00pm: Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder, wasal għal din il-laqgħa.***

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li dan ir-Reġjun ghandu jibgħat ittra lill-AKL dwar il-punti mqajma mill-membri ta' dan ir-Reġjun fen tispjega li l-Aġenzija qatt ma kkonsultat mar-Reġjun u din l-ittra għandha tiġi ffirmata mill-membri kollha.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-Presidet, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li dan ir-Regjun irċieva żewġ ittri miċ-Chairman Eżekuttiv tar-Resource Support and Services Ltd (ex-IPSL), is-Sur Lawrence Mizzi, sabiex jinforma li s-Supervisor li ser ikollu dan ir-Regjun. Is-Sur Kenneth Formosa, beda jaħdem mill-4 ta' Jannar 2016 u fit-tieni ittra, ir-Regjun kien qed jigi infurmat li s-Sur John Abdilla beda jaħdem mis-6 ta' Jannar. Il-membri ħadu nota ta' dan.

3.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ir-Reġjun kien qed jiġi infurmat li kull Reġjun ġie allokat erba' *modular composters* u li dan ir-Reġjun irid iqassamhom lill-erba' Kunsilli. Il-Kunsill jista' jgħaddi dan il-*bin* lill-iskola jew xi entità oħra fil-lokalità, jew dan jitpoġġa f'xi post għall-pubbliku.

Kien hemm qbil bejn il-membri li ser tintbagħat email ta' informazzjoni dwar dawn il-modular composters lill-Kunsilli Lokali u min hu interessat għandu jinforma lill-uffiċċu tar-Regjun immedjatament. Peress li hemm erba' bins biss, dawn ser jitqassmu fuq bażi *first-come-first-served*.

**4. MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**5. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ressqet it-talba tagħha sabiex tapplika għas-sistema tat-*teleworking*. Il-President spjega kif is-Sinjura Galea baqgħet għaddejja bix-xogħol sal-aħħar ġurnata qabel ma ħarġet bil-*maternity leave* u kif baqgħet f'kuntatt kontinwu mal-uffiċċju kif ukoll mal-membri waqt li kienet bil-leave tal-maternità. Għal din ir-raġuni, is-Sinjura Galea tixtieq li tagħmel użu minn din is-sistema.

Din it-talba ġiet approvata unanimament mill-membri kollha tar-Reġjun.

5.2 Il-President għamel referenza fuq ċirkulari mibgħuta mill-AKL – Ċirk. 5/2016 – European Youth Event 2016. Is-Sur Fenech Adami fakkar li l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2016.

**6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Il-President spjega li r-Reġjun bagħat e-mail lis-Sinjura Elizabeth Vassallo rigward il-ħlasijiet li ser jibdew jitħallsu mil-LESA. Is-Sinjura Vassallo wieġbet li r-Reġjun għandu jibgħat l-iskeda tal-pagamenti flimkien mal-minuti fejn juru l-approvzzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mill-Kunsillier, is-Sur Paul Radmilli, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 65. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 7. AFFARIJIET OĦRA

### *7.1* Kwotazzjoni għal xiri ta' Laptop

Il-President, is-Sur Michael Fench Adami, spjega li għandu jinxtara laptop sabiex inkun jista' jintuża mis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, sabiex tkun tista' taħdem mid-dar. Għal din ir-raġuni is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea għandha tressaq kwotazzjoni ta' laptop fil-laqgħa li jmiss.

### 7.2 Kwotazzjonijiet ghall-Uniformijiet

Il-President, is-Sur Michael Fench Adami, informa lill-membri li għandha tinxtara uniformi għas-Sinjorina Antonella Baldacchino u s-Sur Ian Magro li għalqu s-sitt xhur ta' probation ma' dan ir-Reġjun. L-ammont tal-uniformijiet mingħand il-Bortex huwa ta' **€569.23**

### *7.3* Kwotazzjonijiet għal xiri ta' *Safety Wear*

Il-President ressaq kwotazzjoni għal xiri ta' *saftey wear* għaż-żewġ ħaddiema tal-RSS Ltd. mill-kumpanija Arete Ltd, b'ammont ta' €65.60.

## 8. PERFORMANCE BONUS APPRAISAL REPORTS

### 8.1 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-Performance Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għas-sena 2015, għall-approvazzjoni. Huwa kkonferma li s-Sinjura Galea għandha tingħata l-full bonus ta' 10%.

Fuq proposta tal-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder, il-performance bonus tas-Sinjura Galea ġie approvat unanimament.

### 8.2 Performance Bonus tal-Ħaddiema Klerikali

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda l-performance appraisal reports tal-Ħaddiema:

- Sinjorina Lydia Zammit – Reġistratur – 6%
- Sinjorina Roberta Carabott – 6%
- Sinjorina Isabel Cini – 6%

- Sinjura Marthese Bonavia – 6%
- Sinjura Jennifer Soler – 6% (pro-rata perjodu minn Jannar 2015 sa Ġunju 2015)
- Is-Sur Danilo Bezzina 6% (pro-rata perjodu minn April 2015 sa Diċembru 2015)
- Is-Sinjorina Antonella Baldacchino 6% (pro-rata perjodu minn Ġunju 2015 sa Diċembru 2015)
- Is-Sur Ian Magro 6% (pro-rata perjodu minn Lulju 2015 sa Diċembru 2015)

Dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament mill-membri kollha tar-Reġjun.

**9. RC/T01/15 - TENDER GĦAL SERVIZZI PROJESSJONALI TA' ACCOUNTANT**

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2016, il-bord kompost mill-President, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Karl Gouder, is-Sur Stephen Sultana flimkien mas-Segretarju Ezekutiv, iltaqgħu l-uffiċċju ta' San Ġwann sabiex is-sejħa għal Servizzi Professjonali ta' Accountant tiġi evalwata.

L-offerti mibgħuta minn Nexia BT; Parker Randall Turner; D Galea Consult Ltd. u Grant Thornthon ġew evalwati.

Waqt l-laqgħa ta' l-evalwazzjoni, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea spjegat lill-membri li hija kienet bagħtet e-mail lill-Kunsilli Lokali kollha flimkien mar-Reġjuni biex titlob lis-Segretarji Eżekuttivi sabiex jinfurmaw lill dan ir-Reġjun jekk kienx hemm *default notice* fuq l-erbgħa kumpanija li tefaw l-offerta tagħhom. Is-Sinjura Galea nfurmat lill-membri tal-bord li ma kien hemm l-ebda *default notice* maħruġa mill-Kunsilli Lokali u mir-Reġjuni f'dawn l-aħħar 36 xhar.

Dan il-bord ipproponi li t-tender għandha tingħata lil D Galea Consult Ltd. li kellu l-irħas ammont.

Din id-deċizjoni ġiet approvata unanimament mill-membri preżenti tar-Reġjun.

**10. TMIEM**

Fis-18.55 ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Ħamis, 11 ta' Frar, 2016, fil-5.30pm.

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President